MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 399/2010

E. Grech Cristal Bath Ltd (C 13298)

vs

Charles Mangion (I.D. 110160M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' April, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-soċjeta' E. Cristal Bath Ltd ta' Psaila Street, B'Kara, forniet u kkonsenjat lill-intimat Charles Mangion ta' Villa Arinton, Triq Annibale Preca, Lija diversi oġġetti mibjugħa u debitament konsenjati mill-prospett hawn anness ma' dan l-att u mmarkat bħala Dok EG1 li għandu l-import totali ta' wieħed u ħamsin elf erba' mija u erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€51,474.61);

2. Illi minkejja il konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas dan l-ammont imsemmi inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali datata 15 ta' Frar 2010, il-konvenut baqa' inadempjenti;

3. Illi fil-fehma tas-soċjeta' attrici dan id-dejn huwa veru, ċert, likwidu u dovut u l-konvenut ma għandhux eċċezzjonijiet xi jġib għat-talba ta' ħlas tas-socjeta' attrici;

4. Illi għalhekk dan jagħti d-dritt lis-soċjeta' attriċi sabiex jipproċedi kontra l-konvenut bi proċediment sommarju speċjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed jagħmel;

5. Talbet ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża għat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannaħ, għar-ragunijiet hawn fuq premessi, iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' wiehed u ħamsin elf erba' mija u erbgha u sebghin Ewro u wieħed sittin ċentezmu (€51,474.61) rappreżentanti prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa lill konvenut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil Emanuel Grech, ghas-socjeta' attrici, jixhed bil-gurament waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010 illi l-konvenut baqa' ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-

sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ wiehed u ħamsin elf erba’ mija u erbgha u sebghin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€51,474.61) rappreżentanti prezz ta’ diversi oġġetti mibjugħa lill-konvenut;

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------